K.L.B.L./21/4/2009

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Bye-Laws tal-2009 dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsil Lokali Gżira)

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikoli 33, 34, 35(8), 36 u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Gżira għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2009 dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Gżira).

Bidu fis-seħħ.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"ħamiem domestiku" tfisser ħamiem li jkun miżmum f'post ta' abitazzjoni jew xi post ieħor għal skop ta' rikreazzjoni, passatemp jew sport;

"ħamiem selvaġġ" tfisser ħamiem li ma jkunx ħamiem domestiku;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Gżira;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Gżira kif murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att.

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Gżira;

Mhux permess li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

3.1 F'kull parti tal-lokalità hu projbit li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

3.2 Hu projbit ukoll li persuna tħalli, b'mod volontarju, ikel f'postijiet aċċessibbli għall-ħamiem selvaġġ.

3.3 Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal dawk il-persuni li jrabbu jew jieħdu ħsieb ħamiem domestiku.

Proprjetà immobbli abbandunata.

4. Il-propjetarji ta' propjetà immobbli ġewwa l-lokalità li ma tkunx abitata, għandhom jiżguraw li l-imsemmija proprjetà tkun imbarrata b'tali mod li ma jkunux jistgħu jidħlu jew ibejjet ħamiem selvaġġ ġewwa fiha.

Piena.

5.1 Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u teħel, meta tinsab ħatja, sakemm ma tkunx applikabbli piena ogħla taħt xi liġi oħra:

5.1.1 għall-ewwel kontravvenzjoni *ammenda* ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59);

5.1.2 għat-tieni kontravvenzjoni jew għal kull kontravvenzjoni oħra li tiġi wara, *ammenda* ta' disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88); u

5.1.3 fil-każ ta' kontravvenzjoni kontinwata, *ammenda* ta' ħdax-il euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€11.64) għal kull jum li matulu tkompli l-kontravvenzjoni.